# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 6 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 94/02**

**Numru 24**

**Nutar Anthony Abela fil-kwalita ta' ezekutur testamentarju ta' Francesco u Maria konjugi Vassallo**

**vs**

**David Cassar**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf tmien mija u disa' u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1879.25) dovuti bhala kera tal-fond bl-isem ta' Saqqajja Jewellery, 23 B, Is-Saqqajja, Rabat, Malta, ghal perjodu bejn it-18 ta' Frar 2000 sas-17 ta' Frar 2002, liema kera skadiet izda baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Novembru 2001 u bl-interessi mill-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-22 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur noe s-somma ta' Lm1879.25,0 bl-imghax legali mit-2 ta’ Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Novembru 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur